# Il-Madonna tal-Karmnu

***Kif Bdiet il-Festa Tagħha***



Il-Konċilju tal-Lateran IV ma riedx li jitwaqqfu ordnijiet Reliġjużi ġodda. Min ried li jsir reliġjuż kellu jissieħeb f'wieħed mill-ordnijiet Reliġjużi li kienu diġa approvati; u l-Ordnijiet Reliġjużi li ma kellhomx regola tagħhom ma setgħux ifasslu regoli ġodda, imma kellhom jieħdu waħda ġa magħrufa mill-Knisja. Il-Karmelitani sabu ruħhom f'diffikultà kbira minħabba f'din il-liġi u l-Papa kien għadu ma approvax ir-regola tagħhom. B'dana kollu, il-Patrijarka ta' Ġerusalem, li kien ukoll rappreżentant tal-Papa, kien tahom regola u approva l-Ordni tagħhom.

Għalhekk biex ineħħu kull tħassib bagħtu żewġ patrijiet f'Ruma, li wieħed minnhom kien Sant Anġlu, biex ikollhom ukoll l-approvazzjoni ta' Ruma. Imma sabu baħar imqalleb mhux ftit. Il-Papa Onorju III għamel kummissjoni biex tistudja bir-reqqa t-talba tal-Karmelitani. Sant Anġlu u sieħbu tħabtu kemm setgħu. Fittxew nies ta' setgħa f'Ruma li forsi setgħu jgħinuhom. Imma kollox kien jidher għalxejn. Kien hemm biża' kbir li l-Papa jġib fix-xejn l-Ordni Karmelitan. Il-Karmelitani ma qatgħux qalbhom, talbu lill-Madonna, bħala Omm u Patruna tagħhom, biex tidħol għalihom. Il-Madonna semgħet it-talba tagħhom. Dehret lill-Papa Onorju u ordnatlu li jwettaq mill-iktar fis l-Ordni Karmelitan u r-Regola li kienu jipprofessaw. Kienet waħda mill-battalji sbieħ li l-Ordni Karmelitan rebaħ permezz tal-Madonna. B'sinjal ta' qima u radd il-ħajr, il-Karmelitani bdew jagħmlu festa lill-Madonna bħala tifkira tal-grazzji u għajnuna li tathom. Din kienet il-bidu tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Fis-sena 1251 l-Ordni Karmelitan kien għaddej minn burraxka oħra. Minn eremiti jgħixu bogħod minn kulħadd, il-Karmelitani bdew joħorġu u jippridtkaw u jgħallmu lil kulħadd il-Kelma ta' Alla. Imma biex tgħallem trid titgħallem. Bdew għalhekk imorru fl-Universitajiet biex jitħarrġu fit-tagħlim tat-teoloġija u xjenzi oħra qaddisa. Iżda ma ġewx milqugħa tajjeb. Riedu jkeċċuhom. Xi wħud mill-Karmelitani qatu' qalbhom, oħrajn ħallew l-Ordni. Il-vokazzjonijiet waqfu. Bdiet issir taqtigħa biex .l-Ordni Karmelitan jispiċċa. U jispiċċa kien, li kieku l-Karmelitani ma kellhomx tama kbira fil-

www.fleurdelysparish.com

Madonna. Dak iż-żmien il-Ġeneral tal-Ordni kien San Xmun Stock. Għamel kemm seta' biex isalva l-Ordni Karmelltan. Meta ra li kollu kien għalxejn, ingħalaq fiċ-ċella f'Aylesford l-Ingilterra u talab bil-ħerqa u lill-Madonna: "Fjur tal-Karmelu, dielja bil-frott. Dija tas-sema, Xebba u Omm, agħtina lilna l-Karmelitani xi sinjal tal-għajnuna tiegħek, ja Kewkba tal-baħar." F'salt wieħed jara dija kbira quddiemu u f'nofs dik id-dija qtajja tal-anġli, u f'nofs dawk l-anġli, il-Madonna. F'driegħ wieħed kellha 'l Ġesu' Bambin, u f'id l-oħra l-labtu tagħha. "Hu f'idejk", qaltlu, "dan ikun għalik u għall-Karmelitani kollha sinjal u privileġġ, li min imut bih ma jarax in-nirien ta' dejjem. sinjal ta' saħħa, saħħa fit-tiġrib. sinjal tal-għaqda Tiegħi magħkom għal dejjem." Kien il-bnazzi wara t-tempesta. Il-Madonna għaļ darb' oħra daħlet għall-Ordni maħbub tagħha. B'din il-ġrajja l-festa, li kienet issir b'tifkira tal-għajnuna tal-Madonna, ħadet tifsir ieħor u saret il-Festa tal-Labtu tal-Madonna.

F'Chester l-Ingilterra, fis-sena 1374, kien hemm ħafna. taħwid u nkwiet. Xi wħud li riduha ta' għorrief bdew jgħidu f'wiċċ kulħadd li l-Karmelitani għandhom jissejħu "L-Aħwa tal-Qaddisa Xebba Omm Alla". Saret kawża fil-pubbliku taħt it-tmexxija tal-Università ta' Canterbury. Il-Karmelitani kienu difiżi minn Patri Ġwann Honreby li bid-dokumenti f'idejh ipprova l-jedd li l-Karmelitani jissejħu l-Aħwa tal-Madonna tal-Karmnu. Qatt ma kellhom isem ieħor. L-isem  ta' Aħwa tal-Madonna kien mogħti lilhom għax l-ewwel knisja li kellhom fuq il-muntanja tal-Karmelu kienet iġġib l-isem ta' Santa Marija ta' fuq il-Muntanja tal-Karmelu. Billi l-Karmelitani kienu jissejħu "aħwa" bejniethom, in-nies bdew isibuhom "l-Aħwa tal-Madonna". Fuq id-dokmnenti uffiċjali, il-Karmelitani kienu magħrufa "Aħwa tal-Qaddisa, Xebba Omm Alla".

Hekk sejħilhom il-Papa Onorju III, meta fl-1226 wettaq ir-Regola ta' San Albert li kienu jħaddnu u għadhom iħaddnu sal-lum. U la l-istess isem sejħilhom il-Papa Innoċenż IV fl-l247. Għalhekk il-Karmelitani, permezz ta' Patri Ġwann Horneby rebħu l-kawża bl-ispejjeż b'kollox. Ferħu fuq li ferħu l-Karmeiítani kollha.

Imma l-għedewwa ma qalux biżżejjed. Beda l-gideb u t-tgħajjir. Ilsna ħżiena waslu biex qalu li l-Karmelitani huma l-Aħwa ta' Marija Eġizzjaka li kienet penitenti qaddisa. Il-Karmelitani ġarrbu kollox bis-sabar, imma l-inkwiet qam iżjed meta dawk li kienu jgħajruhom bdew imutu malajr b'mod misterjuż. Il-ħaġa kienet ta' tħassib ferm. Min igħid ħaġa u min igħid oħra. Fl-aħħar ġie deċiż li ssir purċissjoni ta' talb u tpattija biex iberrdu l-korla t'Alla, u jitolbu l-għajnuna tal-Madonna. Ħadu sehem f'din il-purċissjoni ħafna Ordnijiet Reliġjużi. Il-Karmelitani marru bi ħġarhom. In-nies ta' Chester min b'kurżità u min b'devozzjoni kulhadd mar jara jew jieħu sehem f'din il-purċissjoni mhux tas-soltu. Il-Purċissjoni ħarġet mill-belt u bdiet iddur mat-toroq. F'waħda mill-kantunieri tat-triq kien hemm statwa tal-Madonna. Meta waslu

www.fleurdelysparish.com

quddiemha, l-Karmelitani waqfu. Kantaw l-Ave Marija. Kif spiċċaw - l-istatwa ħadet il-ħajja - il-Madonna sellmitilhom u tkellmet: "Dawn huma l-aħwa egħeżież tiegħi". Kulħadd baqa' mistagħġeb. Kulħadd emmen.

Dan il-miraklu kompla xerred il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu. Minn hawn mhux biss il-Karmelitani, imma ħafna oħrajn bdew jagħtu qima speċjali lill-Madonna fis-16 ta' Lulju. San Robertu Bellarminu, Ġiżwita, fuq talba tas-Santa Sede, kiteb l-uffiċċju tal-Madonna tal-Karmnu li baqa' jingħad mal-Knisja kollha.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

www.fleurdelysparish.com